TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 155/13/GB

**Mary Desira**

**vs**

**Marcon Fashion Maze**

Illum 25 ta' Settembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Lulju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' wiehed u ghoxrin Ewro u disghin centezmi (€21.90), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal par zarbun li xtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema par zarbun kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Fil-21 ta' Dicembru 2012, hija kienet xtrat par zarbun minghand is-socjeta' ntimata. Fl-4 ta' Jannar irritornat dan iz-zarbun ghaliex fl-1 ta' Jannar hija kienet libsitu u kien inqasam. Meta r-rikorrenti hadet dan il-par zarbun lura ghand is-socjeta' ntimata, hija ma rieditx tbiddilulha.

Kemm iz-zarbun kif ukoll l-ircevuta ghadhom fil-pussess tas-socjeta' ntimata.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta datata 21 ta' Dicembru 2012.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta is-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn ziedet tghid illi hija hadet dan iz-zarbun ghand is-socjeta' *ntimata darbtejn. L-ewwel darba qaltilha li kienet ser tibghat iz-zarbun lura u t-tieni darba* qaltilha li ma kenitx ser tbiddilulha ghax hija kienet uzatu. Ghalhekk hija rrikorriet ghand id-Dipartiment tal-Konsumatur, fejn wara li ghamlet hekk, is-socjeta' ntimata hadet iz-zarbun barra minn Malta, pero' kif irritornat xorta wahda qalet li ma kenitx ser tbiddlu. Xahar wara, is-socjeta' ntimata kienet cemplet lir-rikorrenti u offretilha tnax-il Ewro (€12.00). Ir-rikorrenti talbet disgha Ewro (€9.00) *ohra pero' s-socjeta' ntimata kienet irrifjutat.*

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. Wara li sema' l-provi, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-socjeta' ntimata thallas l-ammont ta' wiehed u ghoxrin Ewro u disghin centezmi (€21.90) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**